MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 311/2006

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg fil-5 ta’ Jannar 1994 (Dok. A);

2. Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi l-kunsens tal-intimata kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-paartijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

5. Illi l-kontendenti, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-kontendenti jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponent ghar-ragunijiet premessi, jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet, kif fuq riferit huwa null ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-5 ta’ Jannar 1994 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-konvenuta fit-

termini tal-paragrafu [d]] u dak tal-kontendenti wkoll fit-termini tal-paragrafi [f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin marokkin, izzewweg lill-konvenuta, cittadina maltija, meta allura hu kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 36 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin xaharejn. Wara konvivenza matrimonjali ta' hames snin, li l-parti kbira minnhom il-partijiet ghexu separatament izda fl-istess dar, huma sseparaw. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Mill-provi mhux kontrastati mressqa mill-attur, jirrizulta li l-inkwiet matrimonjali bejniethom beda mill-bidunett taz-zwieg, stante li l-konvenuta baqghet tghix il-hajja ta' persuna single billi tohrog kuljum mal-hbieb u tidhol id-dar tard filghaxija; u li ta' spiss kienet tkun "mlahalha" bix-xorb, u kienet tkompli tixrob meta tirritorna lura d-dar.

L-attur jispjega li l-konvenuta qatt ma kienet issajjarlu jew tahsillu l-hwejjeg, u qatt ma kienet taghmel facendi tad-dar. Huwa jghid li l-hajja konjugali spiccat fix-xejn wara sitt xhur miz-zwieg, u jispjega li l-konvenuta ma kienitx tfittxu ghall-att konjugali, u meta kien ifittixha hu, hija kienet turi riluttanza; di fatti wara ftit xhur miz-zwieg hija kienet bdiet tirrifjuta li taghmel l-att konjugali.

Jghid li l-konvenuta kienet urietu bic-car li hi ma kienitx riedet tfal minn dan iz-zwieg, u di fatti, meta kien isir l-att konjugali kienet dejjem tinsisti li dan isir bi prekawzjoni sabiex ma tohrogx tqila. L-attur jishaq fuq il-fatt li l-konvenuta assolutament ma rieditx tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-premess il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, ezistenti da parti tal-konvenuta; ghax jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, il-konvenuta, ghalkemm esternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament hija eskludiet b' att pozittiv tal-volonta' taghha obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja

konjugali, u senjatament l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Jannar 1994.

L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------